It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

P9_TA(2023)0038

Drittijiet elettorali taċ-ċittadini mobbli tal-Unjoni fl-elezzjonijiet muniċipali

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Frar 2023 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tistipula arranġamenti dettaljati għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni) (COM(2021)0733 – C9-0022/2022 – 2021/0373(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni –riformulazzjoni)

(2023/C 283/21)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2021)0733),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 22(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0022/2022),

— wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 fuq l-użu aktar strutturat tat-teknika ta' kitba mill-ġdid tal-atti legali ([1]),

— wara li kkunsidra l-ittra tat-8 ta' Novembru 2022 tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 110(3) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-Artikoli 110 u 82 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A9-0005/2023),

A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta tal-Kummissjoni ma tinkludi ebda tibdil sustanzjali ħlief dak identifikat bħala tali fil-proposta u billi, f'dak li jikkonċerna l-kodifikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mhux mibdula tal-atti preċedenti flimkien ma' dan it-tibdil, il-proposta tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tal-atti eżistenti mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif adattata għar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u hekk kif emendata hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

([1]) ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 1

Proposta għal direttiva

Premessa 1a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (it-"Trattat ta' Maastricht") tal-1992 immarka stadju ġdid fil-proċess sabiex tinħoloq unjoni dejjem eqreb bejn il-popli tal-Ewropa. Wieħed mid-dmirijiet tagħha kien li torganizza, b'mod li juri konsistenza u solidarjetà, ir-relazzjonijiet bejn il-popli tal-Istati Membri. L-objettivi fundamentali kienu jinkludu t-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet u l-interessi taċ-ċittadini tal-Istati Membri tagħha permezz tal-introduzzjoni ta' ċittadinanza tal-Unjoni.

Emenda 2

Proposta għal direttiva

Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) L-arranġamenti dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE.	(3) L-arranġamenti dettaljati li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali ***miċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini*** huma stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 94/80/KE.

Emenda 3

Proposta għal direttiva

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020 ([22]), il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġu aġġornati, iċċarati u msaħħa r-regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali sabiex jiġi żgurat li jappoġġaw il-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva taċ-ċittadini ***mobbli*** tal-Unjoni. Waqt li titqies ukoll l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħha għal elezzjonijiet suċċessivi u biex jitqiesu l-bidliet introdotti bl-emendi għat-Trattati, jenħtieġ li diversi mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva jiġu aġġornati.	(4) Fir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE 2020 ([22]), il-Kummissjoni enfasizzat il-ħtieġa li jiġu aġġornati, iċċarati u msaħħa r-regoli dwar l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali sabiex jiġi żgurat li jappoġġaw il-parteċipazzjoni wiesgħa u inklużiva taċ-ċittadini tal-Unjoni ***li jkunu joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini***. Waqt li titqies ukoll l-esperjenza miksuba fl-applikazzjoni tagħha għal elezzjonijiet ***muniċipali*** suċċessivi u biex jitqiesu l-bidliet introdotti bl-emendi għat-Trattati, jenħtieġ li diversi mid-dispożizzjonijiet ta' dik id-Direttiva jiġu aġġornati.
([22]) Ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2020 Responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, COM (2020) 730 final.	([22]) Ir-Rapport dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE tal-2020 Responsabbilizzazzjoni taċ-ċittadini u protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, COM (2020) 730 final.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 4

Proposta għal direttiva

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Il-proċedura elettorali relatata mal-elezzjonijiet muniċipali tagħmel mal-kompetenzi tal-Istati Membri li jorganizzawhom, waqt li tirrifletti t-tradizzjonijiet speċifiċi tagħhom u hija konformi mal-istandards internazzjonali u Ewropej. B'mod konformi mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi kif ukoll mal-liġi tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jivvutaw u joħorġu bħala kandidat imma li jiżguraw ukoll aċċess ***faċli*** għad-drittijiet elettorali tagħhom billi jneħħu ***kemm jista' jkun ostakoli*** għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-elezzjonijiet.	(5) Il-proċedura elettorali relatata mal-elezzjonijiet muniċipali tagħmel mal-kompetenzi tal-Istati Membri li jorganizzawhom, waqt li tirrifletti t-tradizzjonijiet ***kostituzzjonali u*** speċifiċi tagħhom u hija konformi mal-istandards internazzjonali u Ewropej. B'mod konformi mal-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi***, mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità*** kif ukoll mal-liġi tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, jenħtieġ li l-Istati Membri mhux biss jirrikonoxxu u jirrispettaw id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li ***joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini li*** jivvutaw u joħorġu bħala kandidat ***fl-elezzjonijiet muniċipali*** imma li jiżguraw ukoll aċċess ***sħiħ u effettiv*** għad-drittijiet elettorali tagħhom billi jneħħu ***kull ostakolu*** għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-elezzjonijiet ***muniċipali, kif ukoll billi jipprovdu aċċess sħiħ għall-informazzjoni rilevanti***.

Emenda 5

Proposta għal direttiva

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini ("ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru") ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tagħhom, il-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni f'dawn l-elezzjonijiet għandhom jiġu ċċarati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' dak l-Istat Membru jiġu ttrattati daqs dawk li huma ċittadini tiegħu. B'mod partikolari, iċ-ċittadini tal-Unjoni li jfittxu li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod ugwali fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu ta' residenza li jrid jiġi ssodisfat bħala kundizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt, kif ukoll il-provi biex tintwera l-konformità ma' tali kundizzjoni.	(6) Sabiex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li jirrisjedu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini ("ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru") ikunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru ospitanti tagħhom, il-kundizzjonijiet li jirregolaw ir-reġistrazzjoni u l-parteċipazzjoni f'dawn l-elezzjonijiet għandhom jiġu ċċarati biex jiġi żgurat li ċ-ċittadini tal-Unjoni li ma jkunux ċittadini ta' dak l-Istat Membru jiġu ttrattati daqs dawk li huma ċittadini tiegħu. B'mod partikolari, iċ-ċittadini tal-Unjoni li jfittxu li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom jenħtieġ li jiġu ttrattati b'mod ugwali ***bħaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru*** fir-rigward ta' kwalunkwe perjodu ta' residenza li jrid jiġi ssodisfat bħala kundizzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt, kif ukoll il-provi biex tintwera l-konformità ma' tali kundizzjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 6

Proposta għal direttiva

Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Apparti minn hekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru ma għandhomx ikunu meħtieġa jissodisfaw xi kundizzjonijiet speċjali biex jeżerċitaw id-dritt li jivvutaw jew li joħorġu f'elezzjonijiet muniċipali sakemm ma jkunx iġġustifikat, b'mod eċċezzjonali, it-trattament differenti taċ-ċittadini tal-Istat Membri u dawk li mhumiex minħabba ċirkostanzi speċifiċi għal tal-aħħar li jiddistingwuhom minn dawk tal-ewwel.	(7) Apparti minn hekk, iċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru ma għandhomx ikunu meħtieġa jissodisfaw xi kundizzjonijiet speċjali biex jeżerċitaw id-dritt li jivvutaw jew li joħorġu f'elezzjonijiet muniċipali sakemm ma jkunx iġġustifikat, b'mod eċċezzjonali, it-trattament differenti taċ-ċittadini tal-Istat Membri u dawk li mhumiex minħabba ċirkostanzi ***eċċezzjonali*** speċifiċi għal tal-aħħar li jiddistingwuhom minn dawk tal-ewwel. ***Tali differenza fit-trattament teħtieġ, fi kwalunkwe każ, li tiġi ġġustifikata.***

Emenda 7

Proposta għal direttiva

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni tad-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati ***fil-pajjiż*** ta' residenza tagħhom, ***dawn*** iċ-ċittadini ***għandhom*** jiddaħħlu fir-reġistru elettorali fi żmien biżżejjed minn qabel il-jum tal-votazzjoni. Il-formalitajiet applikabbli għar-reġistrazzjoni ***għandhom ikunu*** kemm jista' jkun sempliċi. ***Għandu*** jkun biżżejjed għaċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati li jipproduċu karta tal-identità valida u dikjarazzjoni formali li jinkludu elementi li jixhdu l-intitolament tagħhom li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet. Ladarba jkunu rreġistrati, iċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru għandhom jibqgħu fuq ir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Addizzjonalment, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jipprovdu informazzjoni ta' kuntatt lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jżommuhom aġġornati fuq bażi regolari.	(8) Sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju miċ-ċittadini tal-Unjoni ***mhux ċittadini tal-Istat Membru*** tad-dritt tagħhom li jivvutaw u li joħorġu bħala kandidati ***fl-Istat Membru*** ta' residenza tagħhom, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jagħmlu ħilithom biex issir disponibbli r-reġistrazzjoni immedjata bħala votant, wara li ċ-ċittadini tal-Unjoni wrew ix-xewqa li jivvutaw fl-Istat Membru tagħhom ta' residenza. Fejn ma tkunx saret ir-reġistrazzjoni awtomatika,*** iċ-ċittadini ***jenħtieġ li*** jiddaħħlu fir-reġistru elettorali fi żmien biżżejjed minn qabel il-jum tal-votazzjoni. Il-formalitajiet applikabbli għar-reġistrazzjoni ***jenħtieġ li jkunu*** kemm jista' jkun sempliċi***, aċċessibbli faċilment u kemm jista' jkun simili madwar l-Istati Membri***. ***Jenħtieġ li*** jkun biżżejjed għaċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati li jipproduċu karta tal-identità valida u ***f'każijiet debitament ġustifikati*** dikjarazzjoni formali li jinkludu elementi li jixhdu l-intitolament tagħhom li jipparteċipaw fl-elezzjonijiet ***muniċipali***. Ladarba jkunu rreġistrati, iċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru għandhom jibqgħu fuq ir-reġistru elettorali bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, sakemm jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Addizzjonalment, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom jipprovdu informazzjoni ta' kuntatt lill-awtoritajiet kompetenti biex dawn l-awtoritajiet ikunu jistgħu jżommuhom aġġornati fuq bażi regolari. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu reġistri elettorali distinti għall-elezzjonijiet muniċipali u Ewropej.***

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 8

Proposta għal direttiva

Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni bħala kandidat u għas-sottomissjoni ta' lista ta' kandidati jirrispettaw standards demokratiċi, proporzjonati u trasparenti u jkunu applikabbli kemm għaċ-ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru u dawk li mhumiex.

Emenda 9

Proposta għal direttiva

Premessa 8b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) Sabiex iċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini jkunu jistgħu jkunu eliġibbli fil-prattika biex joħorġu bħala kandidati għall-elezzjonijiet muniċipali, jenħtieġ li l-partiti politiċi nazzjonali ma jagħmlux is-sħubija kondizzjonali għall-fatt li jkunu ċittadini tal-Istat Membru tal-elezzjoni.

Emenda 10

Proposta għal direttiva

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Tista' tkun ordnata skwalifika mid-dritt tal-kandidatura b'deċiżjoni individwali tal-awtoritajiet kemm tal-Istat Membru ta' residenza jew tal-Istat Membru ta' oriġini. Fir-rigward tas-sinifikat politiku ta' karigi bħala persuna eletta f'elezzjoni muniċipali, l-Istati Membri ***għandhom ikunu*** intitolati li jiksbu informazzjoni mingħand l-Istat Membru domiċiljari relatata maċ-ċaħda tad-dritt tal-kandidatura fl-Istat Membru domiċiljari tal-kandidat.	(10) Tista' tkun ordnata skwalifika mid-dritt tal-kandidatura b'deċiżjoni individwali tal-awtoritajiet kemm tal-Istat Membru ta' residenza jew tal-Istat Membru ta' oriġini. Fir-rigward tas-sinifikat politiku ta' karigi bħala persuna eletta f'elezzjoni muniċipali, l-Istati Membri ***jenħtieġ li jkunu*** intitolati li jiksbu informazzjoni ***direttament*** mingħand l-Istat Membru domiċiljari relatata maċ-ċaħda tad-dritt tal-kandidatura fl-Istat Membru domiċiljari tal-kandidat. ***Id-deċiżjonijiet li jċaħħdu liċ-ċittadini tal-Unjoni mil-kapaċità legali minħabba diżabilità meħuda mill-Istat Membru domiċiljari tagħhom jenħtieġ li ma jagħmluhomx ineliġibbli milli joħorġu bħala kandidati fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom dment li l-liġi tal-Istat Membru ta' residenza tiddefendi dak id-dritt għall-persuni kollha b'tali diżabilità mingħajr restrizzjonijiet.***

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 11

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Peress li d-dmirijiet ta' tmexxija ta' unitajiet bażiċi tal-gvern lokali jistgħu jinvolvu l-parteċipazzjoni fl-eżerċizzju ta' awtorità uffiċjali u fis-salvagwardja tal-interess ġenerali, l-Istati Membri għandhom ikunu kapaċi illi jirriżervaw dawn l-uffiċċji għall-persuni taċ-ċittadinanza tagħhom stess b'rispett shih tal-prinċipju tal-proporzjonalità .	***imħassar***

Emenda 12

Proposta għal direttiva

Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Għandu jkun bl-istess mod possibbli li l- parteċipazzjoni minn uffiċjali muniċipali eletti f'elezzjoni ta' assemblea parlamentari tkun riservata għal ċittadini proprji .	***imħassar***

Emenda 13

Proposta għal direttiva

Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza kkonferit liċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru ma jissostitwixxix id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni hu ċittadin. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-libertà taċ-ċittadini tal-Unjoni li jagħżlu jekk jeħdux sehem jew le fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn joqogħdu tkun rispettata u illi dawk iċ-ċittadini jkunu jistgħu jesprimu x-xewqa illi jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom. ***Għaldaqstant jistgħu jsiru dispożizzjonijiet mill-Istati Membri fejn il-vot mhux obbligatorju biex dawk iċ-ċittadini jiġu rreġistrati awtomatikament fuq ir-reġistru elettorali .***	(14) Id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza kkonferit liċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru ma jissostitwixxix id-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin tal-Unjoni hu ċittadin. Għaldaqstant huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-libertà taċ-ċittadini tal-Unjoni li jagħżlu jekk jeħdux sehem jew le fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru fejn joqogħdu tkun rispettata u illi dawk iċ-ċittadini jkunu jistgħu jesprimu x-xewqa illi jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 14

Proposta għal direttiva

Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(15) L-aċċessibbiltà ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-proċeduri elettorali hija komponent ewlieni fl-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt minqux fl-Artikolu 20(2) (b) u fl-Artikolu 22(1) ***TFUE***.	(15) L-aċċessibbiltà ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-proċeduri elettorali hija komponent ewlieni fl-iżgurar tal-eżerċizzju effettiv tad-dritt minqux fl-Artikolu 20(2) (b) u fl-Artikolu 22(1) ***tat-TFUE***. ***Jenħtieġ li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jkollhom aċċess għall-informazzjoni dwar id-drittijiet elettorali tagħhom u dwar il-proċeduri elettorali mal-wasla tagħhom fl-Istat Membru, perjodikament u kmieni biżżejjed qabel l-elezzjonijiet muniċipali. Jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar il-fatt li hemm reġistri elettorali distinti għall-elezzjonijiet muniċipali u l-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew.***

Emenda 15

Proposta għal direttiva

Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) In-nuqqas ta' informazzjoni adegwata, fil-kuntest tal-proċeduri elettorali, jaffettwa liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom bħala parti mid-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni. Jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li jwettqu l-obbligi tagħhom. L-Istati Membri ***għandhom*** jintalbu jaħtru awtoritajiet b'responsabbiltajiet speċjali biex jipprovdu informazzjoni xierqa liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 20(2) (b) u l-Artikolu 22(1) ***TFUE*** u r-regoli u l-proċeduri nazzjonali rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali u l-organizzazzjoni tagħhom. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-komunikazzjonijiet, l-informazzjoni ***għandha*** tiġi pprovduta f'termini ċari u li jinftiehmu sew.	(16) In-nuqqas ta' informazzjoni adegwata, fil-kuntest tal-proċeduri elettorali, jaffettwa liċ-ċittadini fl-eżerċizzju tad-drittijiet elettorali tagħhom bħala parti mid-drittijiet ta' ċittadini tal-Unjoni. Jaffettwa wkoll il-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti biex jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u li jwettqu l-obbligi tagħhom. L-Istati Membri ***jenħtieġ li*** jintalbu jaħtru awtoritajiet b'responsabbiltajiet speċjali biex jipprovdu informazzjoni xierqa liċ-ċittadini tal-Unjoni dwar id-drittijiet tagħhom skont l-Artikolu 20(2) (b) u l-Artikolu 22(1) ***tat-TFUE*** u r-regoli u l-proċeduri nazzjonali rigward il-parteċipazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali u l-organizzazzjoni tagħhom***, u l-informazzjoni dwar is-sistema elettorali u politika, inklużi s-setgħat tal-unitajiet governattivi lokali bażiċi. Tali awtoritajiet jenħtieġ li jikkoordinaw kampanji ta' informazzjoni flimkien mal-awtoritajiet lokali u, kull meta jkun possibbli, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u jenħtieġ li dawn jużaw firxa wiesgħa ta' kanali ta' informazzjoni***. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-komunikazzjonijiet, l-informazzjoni ***jenħtieġ li*** tiġi pprovduta ***fil-ħin, fuq bażi regolari u*** f'termini ċari u li jinftiehmu sew***, idealment mingħajr ma jinqabeż livell ta' kumplessità superjuri għal-livell B1 (intermedju) tal-Qafas Komuni Ewropew ta' Referenza għal-Lingwi tal-Kunsill tal-Ewropa***.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 16

Proposta għal direttiva

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni elettorali, din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli ***f'mill-inqas lingwa*** uffiċjali ***oħra*** tal-Unjoni ***għajr dik tal-Istat Membru ospitanti, li tkun ġeneralment mifhuma mill-akbar għadd ta' ċittadini*** tal-Unjoni li ***joqogħdu fit-territorju tiegħu***. ***L-Istati*** Membri ***jistgħu jużaw lingwi*** uffiċjali ***differenti*** tal-Unjoni ***f'partijiet speċifiċi tat-territorju tagħhom jew tar-reġjuni tagħhom skont il-lingwa li tinftiehem mill-akbar grupp ta' ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu hemm***.	(17) Sabiex tittejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni elettorali, din l-informazzjoni għandha tkun disponibbli ***bil-lingwi*** uffiċjali ***kollha*** tal-Unjoni ***u meta offrut mill-awtoritajiet, bil-lingwa preferuta tal-votant*** tal-Unjoni, li ***jenħtieġ li jkunu kapaċi jindikaw fil-mument tar-reġistrazzjoni***. ***Fejn meħtieġ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi appoġġ lill-Istati*** Membri ***għat-traduzzjoni tal-informazzjoni dwar il-proċeduri elettorali u ta' reġistrazzjoni fil-lingwi*** uffiċjali tal-Unjoni.

Emenda 17

Proposta għal direttiva

Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(18) Kwalunkwe deroga mir-regoli ġenerali ta' din id-Direttiva għandha tkun ġustifikata, skont l-Artikolu ***22 (1) TFUE***, bi problemi speċifiċi għal Stat Membru u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52 tal-Karta, inkluż mar-rekwiżit li kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali għandha tkun prevista bil-liġi u għandha tkun soġġetta għall-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità. Addizzjonalment, kwalunkwe deroga għandha, min-natura tagħha, tkun soġġetta għal rieżami kif previst bl-Artikolu 47 tal-Karta .	(18) Kwalunkwe deroga mir-regoli ġenerali ta' din id-Direttiva għandha tkun ġustifikata, skont l-Artikolu ***22(1) tat-TFUE***, bi problemi speċifiċi għal Stat Membru u għandha tkun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 52 tal-Karta, inkluż mar-rekwiżit li kwalunkwe limitazzjoni għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali ***minn ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini*** għandha tkun prevista bil-liġi u għandha tkun soġġetta għall-prinċipji tal-proporzjonalità u tan-neċessità. Addizzjonalment, kwalunkwe deroga għandha, min-natura tagħha, tkun soġġetta għal rieżami kif previst bl-Artikolu 47 tal-Karta. ***Fid-dawl tal-użu limitat tal-Istati Membri mill-possibbiltajiet stabbiliti fid-Direttiva 94/80/KE biex jidderogaw mir-regoli ġenerali tagħha, dawk il-possibbiltajiet għal derogi ma għandhomx jibqgħu jiġu offruti.***

Emenda 18

Proposta għal direttiva

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(19) Tali problemi speċifiċi jistgħu jinħolqu fi Stat Membru fejn il-proporzjon ta' ċittadini tal-Unjoni ta' età li jivvutaw, li jgħixu fih imma mhumiex ċittadini tiegħu, huwa b'mod sinifikanti ħafna ogħla mill-medja. Fejn tali ċittadini jiffurmaw aktar minn 20 % tal-elettorat totali jkunu ġustifikati d-derogi . Tali derogi għandhom ikunu bbażati fuq il-kriterju tal-perjodu ta' residenza.	***imħassar***

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 19

Proposta għal direttiva

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(20) L-Istati Membri li fihom il-proporzjon ta' ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru li huma ta' età tal-vot jaqbeż l-20 % tan-numru totali ta' ċittadini tal-Unjoni li għandhom età tal-vot u li joqogħdu hemm għandhom ikunu jistgħu jistipulaw, f'konformità mal-Artikolu 22(1) TFUE, dispożizzjonijiet speċifiċi li jikkonċernaw il-kompożizzjoni ta' listi ta' kandidati.	***imħassar***

Emenda 20

Proposta għal direttiva

Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(21) Irid jittieħed kont tal-fatt illi f'ċerti Stati Membri r-residenti li huma ċittadini ta' Stati Membri oħra għandhom id-dritt tal-vot fl-elezzjonijiet għall-Parlament nazzjonali u konsegwentement il-formalitajiet li hemm provduti f'din id-Direttiva jistgħu jkunu faċilitati.	***imħassar***

Emenda 21

Proposta għal direttiva

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Ir-Renju tal-Belġju huwa karatterizzat b'fatturi u bilanċi speċifiċi relatati mal-fatt illi l-Artikoli 1 sa 4 tal-Kostituzzjoni tiegħu jipprovdu tliet lingwi uffiċjali u diviżjoni territorjali f'reġjuni u komunitajiet, bir-riżultat ta' liema applikazzjoni sħiħa ta' din id-Direttiva f'ċerti komuni jista' jkollha effetti tali li jinneċessitaw li tkun provduta l-possibilità ta' deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva sabiex jittieħed kont ta' dawk il-fatturi u bilanċi speċifiċi;	***imħassar***

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 22

Proposta għal direttiva

Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Id-data dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ***tista' tkun utli*** fl-identifikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini tal-Unjoni. Sabiex jittejjeb il-ġbir tad-data għall-elezzjonijiet muniċipali huwa meħtieġ li jiġu introdotti monitoraġġ u ***rappurtar*** tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri, li ***għandhom*** jinkludu, minbarra data statistika, informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru fl-elezzjonijiet. Il-Kummissjoni ***għandha*** tagħmel stima tal-applikazzjoni tad-Direttiva, inklużi kwalunkwe bidliet fl-elettorat li jkunu seħħew mid-dħul fis-seħħ tagħha u tissottometti rapport f'dan ir-rigward lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.	(23) Id-data dwar l-eżerċizzju tad-drittijiet u l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva ***hija importanti fl-evalwazzjoni tal-politika rilevanti tal-Unjoni u*** fl-identifikazzjoni tal-miżuri meħtieġa biex jiġi żgurat l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet elettorali taċ-ċittadini tal-Unjoni. Sabiex jittejjeb il-ġbir ***u r-rapportar*** tad-data ***mill-Istati Membri*** għall-elezzjonijiet muniċipali, huwa meħtieġ li jiġu introdotti monitoraġġ u ***rapportar*** tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri, li ***jenħtieġ li*** jinkludu, minbarra data statistika, informazzjoni dwar il-miżuri meħuda biex jappoġġaw il-parteċipazzjoni taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru fl-elezzjonijiet***, inkluż għall-persuni b'diżabilità. Jenħtieġ li tali data tingħabar b'mod trasparenti u sigur fl-Istati Membri kollha u abbażi tal-istess indikaturi. Għal dak l-għan, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi indikaturi komuni għall-forniment tad-data statistika kkonċernata mill-Istati Membri***. Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tagħmel stima tal-applikazzjoni tad-Direttiva, inklużi kwalunkwe bidliet fl-elettorat li jkunu seħħew mid-dħul fis-seħħ tagħha u tissottometti rapport f'dan ir-rigward lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 23

Proposta għal direttiva

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien raġonevoli mid-dħul fis-seħħ tagħha, b'konnessjoni mill-qrib mal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE ([23]) tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini.	(24) Huwa meħtieġ li l-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjoni tagħha stess tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fi żmien raġonevoli mid-dħul fis-seħħ tagħha, b'konnessjoni mill-qrib mal-evalwazzjoni tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE ([23]) tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini. ***Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tkun segwita, meta jkun xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex tiġi emendata din id-Direttiva.***

([23]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni).

([23]) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/109/KE tas-6 ta' Diċembru 1993 dwar arranġamenti dettaljati sabiex jiġi eżerċitat id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fl-elezzjonijiet għall-Parlament Ewropew għaċ-ċittadini tal-Unjoni li joqogħdu fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini (riformulazzjoni).

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 24

Proposta għal direttiva

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) L-Istati Membri, bir-ratifika, u l-Unjoni, bil-konklużjoni ([25]), impenjaw ruħhom li jiżguraw konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni ***b'Diżabbiltà***, inkluż fir-rigward tal-Artikolu 29 dwar il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika. ***Insostenn tal-parteċipazzjoni*** elettorali inklużiva u ugwali għall-persuni ***b'diżabbiltà***, l-arranġamenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali ***għandhom iqisu*** kif xieraq l-eżiġenzi taċ-ċittadini ***b'diżabbiltà*** u anzjani.	(26) L-Istati Membri, bir-ratifika, u l-Unjoni, bil-konklużjoni ([25]), impenjaw ruħhom li jiżguraw konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni ***b'Diżabbiltà***, inkluż fir-rigward tal-Artikolu 29 dwar il-parteċipazzjoni fil-ħajja politika u pubblika. ***Sabiex jiżguraw parteċipazzjoni*** elettorali inklużiva u ugwali għall-persuni ***b'diżabilità***, ***b'mod partikolari b'kunsiderazzjoni tal-impatt sostanzjali li jista' jkollhom deċiżjonijiet lokali fuq kwistjonijiet ta' aċċessibbiltà u fuq il-ħajja tal-persuni b'diżabilità u tal-anzjani,*** l-arranġamenti għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jgħixu fi Stat Membru li tiegħu mhumiex ċittadini biex jeżerċitaw id-dritt tal-vot u li joħorġu bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali ***jenħtieġ li jqisu*** kif xieraq l-eżiġenzi ***speċifiċi*** taċ-ċittadini ***b'diżabilità*** u anzjani. ***B'mod partikolari, jenħtieġ li l-Istati Membri jikkunsidraw jimplimentaw arranġamenti xierqa mfassla għall-proċeduri ta' votazzjoni nazzjonali tagħhom biex jiffaċilitaw il-votazzjoni minn ċittadini b'diżabilità, bħall-possibbiltà li jagħżlu postijiet tal-votazzjoni u l-użu ta' teknoloġiji, formati u tekniki ta' assistenza bħall-Braille, tipa kbira, informazzjoni bbażata fuq l-awdjo, stensils tattili, informazzjoni faċli biex tinqara u komunikazzjoni bil-lingwa tas-sinjali. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jippermettu li l-persuni b'diżabilità jirċievu, fuq talba tagħhom, assistenza fil-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistinkaw biex jipprovdu l-possibbiltà ta' votazzjoni bil-posta u jistgħu jipprevedu għodod komplementari oħra biex jiffaċilitaw il-votazzjoni, bħall-votazzjoni fiżika minn qabel, il-votazzjoni bi prokura u l-votazzjoni elettronika u online.***

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni ***b'Diżabbiltà*** (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).

([25]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni ***b'Diżabbiltà*** (ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35).

Emenda 25

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) "Votant tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni li għandu dritt jivvota fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza ta' din il-persuna f'konformità ma' din id-Direttiva;

Emenda 26

Proposta għal direttiva

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) "Kandidat tal-Unjoni" tfisser kwalunkwe ċittadin tal-Unjoni li għandu d-dritt joħroġ bħala kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza ta' din il-persuna f'konformità ma' din id-Direttiva;

Emenda 27

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Jekk, sabiex jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati, iċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza jridu jkunu għamlu ċertu perjodu minimu bħala residenti fit-territorju ta' dak l-Istat, il-votanti u ***persuni li jistgħu joħorġu bħala kandidati skont l-Artikolu 3*** għandhom jitqiesu li ssodisfaw dik il-kundizzjoni fejn ikunu għexu għal perjodu ekwivalenti fi Stati Membri oħra.	1. Jekk, sabiex jivvutaw jew joħorġu bħala kandidati, iċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' residenza jridu jkunu għamlu ċertu perjodu minimu bħala residenti fit-territorju ta' dak l-Istat, il-votanti ***tal-Unjoni*** u ***l-kandidati tal-Unjoni*** għandhom jitqiesu li ssodisfaw dik il-kundizzjoni fejn ikunu għexu għal perjodu ekwivalenti fi Stati Membri oħra.

Emenda 28

Proposta għal direttiva

Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk, skont il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza, iċ-ċittadini tiegħu jistgħu jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-unità bażika tal-gvern lokali li fiha jkollhom ir-residenza prinċipali tagħhom biss, il-votanti u ***l-persuni intitolati sabiex ikunu kandidati skont l-Artikolu 3*** għandhom ukoll ikunu soġġetti għal din il-kundizzjoni.	2. Jekk, skont il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza, iċ-ċittadini tiegħu jistgħu jivvutaw u joħorġu bħala kandidati fl-unità bażika tal-gvern lokali li fiha jkollhom ir-residenza prinċipali tagħhom biss, il-votanti ***tal-Unjoni*** u ***l-kandidati tal-Unjoni*** għandhom ukoll ikunu soġġetti għal din il-kundizzjoni.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 29

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Stati Membri ta' residenza jistgħu jipprevedu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li, permezz ta' deċiżjoni individwali taħt il-liġi ċivili jew deċiżjoni skont il-liġi kriminali, ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom tal-kandidatura skont il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom għandhom ikunu prekluży milli jeżerċitaw dak id-dritt fl-elezzjonijiet muniċipali.	1. Stati Membri ta' residenza jistgħu jipprevedu li ċ-ċittadini tal-Unjoni li, permezz ta' deċiżjoni individwali taħt il-liġi ċivili jew deċiżjoni skont il-liġi kriminali, ġew imċaħħda mid-dritt tagħhom tal-kandidatura skont il-liġi tal-Istat Membru ta' oriġini tagħhom, għandhom ikunu prekluży milli jeżerċitaw dak id-dritt fl-elezzjonijiet muniċipali. ***Madankollu, id-deċiżjonijiet li jċaħħdu ċ-ċittadini tal-Unjoni mill-kapaċità legali minħabba diżabilità meħuda mill-Istat Membru domiċiljari ma għandhomx jagħmluhom ineliġibbli milli jikkontestaw bħala kandidati fl-elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom dment li l-liġi ta' dak l-Istat Membru ta' residenza tiddefendi dak id-dritt għall-persuni kollha b'tali diżabilità mingħajr restrizzjonijiet.***

Emenda 30

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu li ċ-ċittadini tagħhom biss jistgħu jżommu l-uffiċċju ta' kap elett, deputat jew membru tal-kulleġġ li jiggverna tal-eżekuttiv ta' unità bażika tal-gvern lokali jekk jiġu eletti biex jeżerċitaw dawn il-funzjonijiet matul id-durata tal-mandat tagħhom.	***imħassar***
L-Istati Membri jistgħu wkoll jistabbilixxu illi t-twettiq temporanju jew interim tal-funzjonijiet ta' kap, deputat jew membru tal-kulleġġ li jiggverna tal-eżekuttiv ta' unità bażika tal-gvern lokali jkun ristrett għaċ-ċittadini tagħhom.	
Wara li jikkunsidraw it-Trattat u l-prinċipji legali ġenerali, l-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri xierqa, neċessarji u proporzjonati sabiex jassiguraw illi l-karigi msemmija fl-ewwel subparagrafu u l-funzjonijiet interim kif imsemmija fit-tieni subparagrafu jkunu jistgħu jitwettqu biss minn ċittadini tagħhom.	

Emenda 31

Proposta għal direttiva

Artikolu 5 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri jistgħu wkoll jipprevedu illi ċ-ċittadini tal-Unjoni eletti bħala membri ta' kunsill rappreżentattiv ma għandhomx jieħdu sehem kemm fid-deżinjazzjoni tad-delegati li jistgħu jivvutaw f'assemblea parlamentari u lanqas fl-elezzjoni tal-membri ta' dik l-assemblea.	***imħassar***

Emenda 32

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Persuni intitolati li jkunu kandidati skont l-Artikolu 3*** għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet li jikkonċernaw inkompatibilità kif japplikaw, skont il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza, għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.	1. ***Il-kandidati tal-Unjoni*** għandhom ikunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet li jikkonċernaw inkompatibilità kif japplikaw, skont il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza, għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat.

Emenda 33

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-votanti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 għandhom jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom f'elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza jekk ikunu esprimew ix-xewqa li jagħmlu dan.	1. Il-votanti ***tal-Unjoni*** li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 3 għandhom jeżerċitaw id-dritt tal-vot tagħhom f'elezzjonijiet muniċipali fl-Istat Membru ta' residenza jekk ikunu esprimew ix-xewqa li jagħmlu dan.

Emenda 34

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk il-votazzjoni hija obbligatorja fl-Istat Membru ta' residenza, il-votanti ***skont l-Artikolu 3*** li ddaħħlu fir-reġistru elettorali hemmhekk għandhom ukoll ikunu obbligati jivvutaw.	2. Jekk il-votazzjoni hija obbligatorja fl-Istat Membru ta' residenza, il-votanti ***tal-Unjoni*** li ddaħħlu fir-reġistru elettorali hemmhekk għandhom ukoll ikunu obbligati jivvutaw.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 35

Proposta għal direttiva

Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-Istati Membri ***fejn il-votazzjoni mhix obbligatorja jistgħu jipprovdu għar-reġistrazzjoni awtomatika tal-votanti skont l-Artikolu 3*** fuq ir-reġistru elettorali.	3. L-Istati Membri ***għandhom jagħmlu ħilithom biex jintroduċu r-reġistrazzjoni immedjata taċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru bħala votanti tal-Unjoni*** fuq ir-reġistru elettorali ***meta jirċievu l-kunsens taċ-ċittadini tal-Unjoni kkonċernati fil-mument tar-reġistrazzjoni bħala resident fl-Istat Membru ta' residenza. Il-votanti tal-Unjoni li jkunu għażlu li ma jipparteċipawx fir-reġistrazzjoni immedjata għandhom jiġu mistiedna jirreġistraw ferm qabel il-perjodu tal-elezzjoni.***

Emenda 36

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jippermettu votant ***skont l-Artikolu 3*** sabiex jiddaħħal fir-reġistru elettorali suffiċjentement qabel il-ġurnata tal-votazzjoni.	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jippermettu votant ***tal-Unjoni*** sabiex jiddaħħal fir-reġistru elettorali suffiċjentement qabel il-ġurnata tal-votazzjoni.

Emenda 37

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiddaħħal l-isem fir-reġistru elettorali, il-votanti ***skont l-Artikolu 3*** għandhom jippreżentaw l-istess dokumenti bħall-votanti li huma ċittadini.	Sabiex jiddaħħal l-isem fir-reġistru elettorali, il-votanti ***tal-Unjoni*** għandhom jippreżentaw l-istess dokumenti ***jew ekwivalenti*** bħall-votanti li huma ċittadini. ***Għandhom jippreżentaw ukoll dikjarazzjoni formali f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II.***

Emenda 38

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istat Membru ta' residenza jista' wkoll jitlob ***votant skont l-Artikolu 3 sabiex jipproduċi dokument ta' identità validu, flimkien ma' dikjarazzjoni formali mfassla f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness II***.	L-Istat Membru ta' residenza jista' wkoll jitlob ***lill-votanti tal-Unjoni biex:***
	(a) jippreżentaw dokument ta' identità validu;

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(b) jindikaw id-data minn kemm ilhom residenti f'dak l-Istat Membru jew fi Stat Membru ieħor;
	(c) jekk jixtiequ, jindikaw preferenza lingwistika waħda jew aktar li biha jixtiequ jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12(2), magħżula minn fost il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, jew, fejn offruti mill-awtorità kompetenti, lingwi oħra.

Emenda 39

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-votanti ***skont l-Artikolu 3*** li ddaħħlu f'reġistru elettorali fi Stat Membru ta' residenza għandhom jibqgħu hemmhekk, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal votanti li huma ċittadini, sa dak iż-żmien illi huma jitneħħew peress illi huma ma jissodisfawx aktar il-ħtiġijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Jekk l-Istati Membri jipprevedu li ċ-ċittadini jiġu notifikati dwar it-tneħħija tagħhom mir-reġistru elettorali, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw bl-istess mod għall-votanti ***skont l-Artikolu 3***.	3. Il-votanti ***tal-Unjoni*** li ddaħħlu f'reġistru elettorali fi Stat Membru ta' residenza għandhom jibqgħu hemmhekk, taħt l-istess kundizzjonijiet bħal votanti li huma ċittadini, sa dak iż-żmien illi huma jitneħħew peress illi huma ma jissodisfawx aktar il-ħtiġijiet għall-eżerċizzju tad-dritt tal-vot. Jekk l-Istati Membri jipprevedu li ċ-ċittadini jiġu notifikati dwar it-tneħħija tagħhom mir-reġistru elettorali, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom japplikaw bl-istess mod għall-votanti ***tal-Unjoni. Din in-notifika għandha tingħata lill-votanti tal-Unjoni inkwistjoni f'lingwa tal-Unjoni tal-preferenza ta' din il-persuna indikata fid-dikjarazzjoni formali, jekk il-votant tal-Unjoni jkun ipprovda tali preferenza***.

Emenda 40

Proposta għal direttiva

Artikolu 8 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Bla ħsara għar-regoli ta' kwalunkwe Stat Membru dwar id-dritt tal-vot jew tal-kandidatura ta' ċittadini li jirrisjedu barra t-territorju tiegħu, il-fatt li l-votanti ***skont l-Artikolu 3*** jkunu ddaħħlu fir-reġistru elettorali tal-Istat Membru ta' residenza ma għandux jirriżulta fit-tneħħija tiegħu jew tagħha mir-reġistru elettorali tal-Istat Membru ta' ċittadinanza.	5. Bla ħsara għar-regoli ta' kwalunkwe Stat Membru dwar id-dritt tal-vot jew tal-kandidatura ta' ċittadini li jirrisjedu barra t-territorju tiegħu, il-fatt li l-votanti ***tal-Unjoni*** jkunu ddaħħlu fir-reġistru elettorali tal-Istat Membru ta' residenza ma għandux jirriżulta fit-tneħħija tiegħu jew tagħha mir-reġistru elettorali tal-Istat Membru ta' ċittadinanza.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 41

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta jissottomettu l-applikazzjoni tal-kandidatura, ***il-persuni li jkunu intitolati joħorġu bħala kandidati skont l-Artikolu 3*** għandhom jippreżentaw l-istess dokumenti ta' sostenn ***bħall-kandidat*** li ***hu ċittadin***. L-Istat Membru ta' residenza jista' jitlob lill-persuni kkonċernati jippreżentaw dikjarazzjoni formali mfassla f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness III.	1. Meta jissottomettu l-applikazzjoni tal-kandidatura, ***ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru*** għandhom jippreżentaw l-istess dokumenti ta' sostenn ***jew ekwivalenti bħala kandidati*** li ***huma ċittadini***. L-Istat Membru ta' residenza jista' jitlob lill-persuni kkonċernati jippreżentaw dikjarazzjoni formali mfassla f'konformità mal-mudell stabbilit fl-Anness III.

Emenda 42

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istat Membru ta' residenza jista' wkoll jitlob ***il-persuni intitolati li joħorġu bħala kandidati skont l-Artikolu 3*** sabiex:	2. L-Istat Membru ta' residenza jista' wkoll jitlob ***lill-kandidati tal-Unjoni*** sabiex:

Emenda 43

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fid-dikjarazzjoni formali li jippreżentaw f'konformità mal-paragrafu 1 meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom tal-kandidatura jiddikjaraw li ma ġewx imċaħħda mid-dritt tal-kandidatura fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom;	(a) fid-dikjarazzjoni formali li jippreżentaw f'konformità mal-paragrafu 1 meta jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom tal-kandidatura jiddikjaraw li ma ġewx imċaħħda mid-dritt tal-kandidatura fl-Istat Membru ta' oriġini tagħhom***. F'każ ta' dubju leġittimu dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni formali, l-Istat Membru ta' residenza jista' jitlob direttament lill-Istat Membru domiċiljari taċ-ċittadin tal-Unjoni li mhuwiex ċittadin tal-Istat Membru, qabel jew wara l-elezzjoni, ċertifikazzjoni li l-persuna ma ġietx imċaħħda mid-dritt li toħroġ bħala kandidat f'dak l-Istat Membru***;

Emenda 44

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) f'każ ta' dubju dwar il-kontenut tad-dikjarazzjoni skont il-punt (a), jippreżentaw qabel jew wara l-elezzjoni attestazzjoni mill-awtoritajiet amministrativi kompetenti fl-Istat Membru ta' oriġini li tiċċertifika li ma kinux imċaħħda mill-kandidatura f'dak l-Istat jew illi l-ebda tali skwalifika mhija magħrufa minn dawk l-awtoritajiet;	***imħassar***

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 45

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) jekk jixtiequ, jindikaw lingwa waħda jew aktar li biha jixtiequ jirċievu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 (2), magħżula minn fost il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, jew, fejn offruti mill-awtorità kompetenti, lingwi oħra.

Emenda 46

Proposta għal direttiva

Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Istati Membri ***li*** jipprevedu l-possibbiltà ***għaċ-ċittadini biex jivvutaw permezz*** ta' votazzjoni ***minn qabel, votazzjoni*** bil-posta***, u votazzjoni elettronika u bl-internet*** fl-elezzjonijiet muniċipali għandhom jiżguraw li tali mezzi ta' votazzjoni jkunu disponibbli wkoll bl-istess kundizzjonijiet għall-votanti skont l-Artikolu 3.	L-Istati Membri ***għandhom jagħmlu ħilithom biex*** jipprevedu l-possibbiltà ta' votazzjoni bil-posta fl-elezzjonijiet muniċipali***. Meta l-Istati Membri jippermettu liċ-ċittadini tagħhom jivvutaw permezz ta' votazzjoni bil-posta, votazzjoni minn qabel, votazzjoni bi prokura jew votazzjoni elettronika u bl-internet*** fl-elezzjonijiet muniċipali***, huma*** għandhom jiżguraw li tali mezzi ta' votazzjoni jkunu disponibbli wkoll bl-istess kundizzjonijiet għall-votanti ***tal-Unjoni***.

Emenda 47

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jinforma lill-persuni kkonċernati ***fi żmien tajjeb u b'lingwa ċara u faċli*** dwar id-deċiżjoni meħuda dwar l-applikazzjoni għad-dħul fir-reġistru elettorali jew id-deċiżjoni li tikkonċerna l-ammissibilità tal-applikazzjoni tagħhom tal-kandidatura.	1. L-Istat Membru ta' residenza għandu jinforma lill-persuni kkonċernati dwar id-deċiżjoni meħuda dwar ***ir-reġistrazzjoni immedjata tagħhom bħala votant jew*** l-applikazzjoni ***tagħhom*** għad-dħul fir-reġistru elettorali jew id-deċiżjoni li tikkonċerna l-ammissibilità tal-applikazzjoni tagħhom tal-kandidatura.

Emenda 48

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Jekk ċittadini tal-Unjoni ma jiddaħħlux fir-reġistru elettorali jew l-applikazzjoni tad-dħul tagħhom tiġi miċħuda jew l-applikazzjoni tal-kandidatura tagħhom ma tiġix aċċettata, il-persuna konċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali fuq l-istess termini skont kif il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jipprovdu għal votanti jew persuni intitolati li jkunu kandidati li huma ċittadini tiegħu.	2. Jekk ċittadini tal-Unjoni ma jiddaħħlux fir-reġistru elettorali jew ***ir-reġistrazzjoni immedjata tagħhom jew*** l-applikazzjoni tad-dħul tagħhom tiġi miċħuda jew l-applikazzjoni tal-kandidatura tagħhom ma tiġix aċċettata, il-persuna konċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali ***effettivi*** fuq l-istess termini skont kif il-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jipprovdu għal votanti jew persuni intitolati li jkunu kandidati li huma ċittadini tiegħu.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 49

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Fil-każ ta' żbalji fir-reġistru elettorali jew fil-lista tal-kandidati għall-elezzjonijiet muniċipali, il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali b'termini simili għal dawk li l-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jippreskrivu liċ-ċittadini tiegħu li huma votanti u li huma intitolati joħorġu bħala kandidati.	3. Fil-każ ta' żbalji fir-reġistru elettorali jew fil-lista tal-kandidati għall-elezzjonijiet muniċipali, il-persuna kkonċernata għandha tkun intitolata għal rimedji legali ***effettivi*** b'termini simili għal dawk li l-liġijiet tal-Istat Membru ta' residenza jippreskrivu liċ-ċittadini tiegħu li huma votanti u li huma intitolati joħorġu bħala kandidati.

Emenda 50

Proposta għal direttiva

Artikolu 11 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw, b'lingwaġġ ċar u sempliċi u fil-ħin, lill-persuna kkonċernata bid-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u bir-rimedji legali msemmija fil-paragrafi 2 u 3, b'lingwa tal-preferenza tal-persuna indikata fid-dikjarazzjoni formali, jekk il-votant tal-Unjoni jkun indika tali preferenza fil-lingwa.

Emenda 51

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità ***nazzjonali*** bir-responsabbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jiġu infurmati fil-ħin dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali.	1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità ***kompetenti*** bir-responsabbiltà li tieħu l-miżuri meħtieġa biex tiżgura li ċ-ċittadini tal-Unjoni mhux ċittadini tal-Istat Membru jiġu infurmati fil-ħin dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali. ***L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta mill-awtoritajiet rilevanti b'mod koordinat u, kull meta jkun possibbli, f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mar-reġistrazzjoni bħala residenti u fil-ħin qabel l-elezzjonijiet.***

Emenda 52

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità maħtura skont il-paragrafu 1 għandhom jikkomunikaw direttament u individwalment lill-votanti u ***lill-persuni intitolati li joħorġu bħala kandidati skont l-Artikolu 3,*** l-informazzjoni li ġejja:	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità maħtura skont il-paragrafu 1 għandhom jikkomunikaw direttament u individwalment lill-votanti ***tal-Unjoni*** u ***lill-kandidati tal-Unjoni,*** l-informazzjoni li ġejja:

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 53

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jekk din l-informazzjoni tkun magħrufa, id-data tal-elezzjoni u kif u fejn jistgħu jivvutaw,	(b) jekk din l-informazzjoni tkun magħrufa, id-data tal-elezzjoni u kif u fejn jistgħu jivvutaw, ***inklużi mezzi speċifiċi ta' votazzjoni msemmija fl-Artikolu 10, fejn applikabbli;***

Emenda 54

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) il-miżuri speċifiċi biex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt tal-vot għal gruppi partikolari ta' votanti, bħall-persuni b'diżabilità,

Emenda 55

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) informazzjoni dwar is-sistema elettorali u politika, inklużi s-setgħat tal-unitajiet bażiċi tal-gvern lokali,

Emenda 56

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali ***u*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ***pprovduta b'lingwa ċara u sempliċi.***	L-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali ***msemmija fil-paragrafu 1 u kwalunkwe informazzjoni oħra komunikata skont din id-Direttiva għandhom jiġu pprovduti b'lingwa ċara u sempliċi. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, filwaqt li*** l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 għandha tiġi ***komunikata lill-persuna kkonċernata b'lingwa ta' preferenza ta' dik il-persuna, indikata fid-dikjarazzjoni formali, jekk il-votant tal-Unjoni jkun ipprovda tali preferenza***.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 57

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-informazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu għandha, apparti li tiġi kkomunikata f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-Istat Membru ospitanti, tiġi akkumpanjata wkoll minn traduzzjoni f'mill-inqas lingwa uffiċjali oħra tal-Unjoni li tinftiehem tajjeb mill-akbar għadd possibbli ta' ċittadini tal-Unjoni Ewropea li jirrisjedu fit-territorju tiegħu, f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità tal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([28]).	***imħassar***
([28]) Ir-Regolament (UE) 2018/1724 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Ottubru 2018 li jistabbilixxi gateway diġitali unika li tipprovdi aċċess għal informazzjoni, għal proċeduri u għas-servizzi ta' assistenza u ta' soluzzjoni tal-problemi u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1024/2012 (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 1–38).	

Emenda 58

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni relatata mad-dritt tal-vot u tal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali minn ċittadini tal-Unjoni residenti fi Stat Membru li tiegħu ma jkunux ċittadini, skont l-Artikolu 20(2), il-punt (b), u l-Artikolu 22(1) tat-TFUE, u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, titqiegħed għad-disponibbiltà ta' dawk iċ-ċittadini b'mod ċar u aċċessibbli, bil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni, fejn meħtieġ, inkluż permezz ta' Europe Direct u l-Your Europe.

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 59

Proposta għal direttiva

Artikolu 12 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 issir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità ***u*** għall-persuni anzjani billi jintużaw mezzi, modi u formati ***xierqa*** ta' komunikazzjoni.	4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet u r-regoli dettaljati għar-reġistrazzjoni bħala votant jew kandidat fl-elezzjonijiet muniċipali u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 issir aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità, għall-persuni anzjani***, għall-persuni f'żoni remoti, għall-gruppi ta' minoranza u għal dawk li qed jiffaċċjaw diffikultajiet biex jivvutaw ġeneralment billi jiġu applikati r-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà kif stabbiliti fl-Anness I għad-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1a])*** u billi jintużaw mezzi, modi u formati ta' komunikazzjoni ***li huma xierqa għalihom, bħal-lingwa tas-sinjali, il-Braille jew format li huwa faċli biex jinqara. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-persuni b'diżabilità jirċievu, fuq talba tagħhom, assistenza fil-votazzjoni minn persuna tal-għażla tagħhom.***
	([1a]) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70).

Emenda 60

Proposta għal direttiva

Artikolu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 13	***imħassar***
Derogi	
1. Fejn, fi Stat Membru partikolari, il-proporzjon ta' ċittadini tal-Unjoni ta' età li jistgħu jivvutaw li joqogħdu fih imma mhumiex ċittadini ta' dak l-Istat jaqbeż l-20 % tan-numru totali ta' ċittadini tal-Unjoni li huma ċittadini tal-Istat Membru u dawk li mhumiex, li joqogħdu f'dak il-pajjiż li huma ta' età li jistgħu jivvutaw, dak l-Istat Membru jista', permezz ta' deroga minn din id-Direttiva:	
(a) jirrestrinġi d-dritt għall-vot lill-votanti skont l-Artikolu 3 li jkunu qagħdu f'dak l-Istat Membru għal perjodu minimu, li ma jistax ikun itwal mit-terminu li għalih il-kunsill rappreżentattiv tal-muniċipalità jkun elett;	

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jirrestrinġi d-dritt tal-kandidatura lill-persuni intitolati li joħorġu bħala kandidati skont l-Artikolu 3 li jkunu qagħdu f'dak l-Istat Membru għal perjodu minimu, li ma jistax ikun itwal minn darbtejn it-terminu li għalih ikun elett il-kunsill rappreżentattiv tal-muniċipalità; kif ukoll;	
(c) jieħu miżuri xierqa dwar il-kompożizzjoni tal-listi tal-kandidati sabiex partikolarment jinkoraġġixxi l-integrazzjoni ta' ċittadini tal-Unjoni, li huma ċittadini ta' Stat Membru ieħor.	
2. Ir-Renju tal-Belġju jista', bħala deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, japplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1(a) għal numru limitat ta' unitajiet ta' gvernijiet lokali, li l-lista tagħhom għandha tkun komunikata mill-anqas sena qabel l-elezzjonijiet tal-unitajiet tal-gvern lokali li hu maħsub li jinvoka d-deroga għalihom .	
3. Fejn il-liġijiet ta' Stat Membru jipprovdu illi ċittadini ta' Stat Membru ieħor li joqogħdu hemmhekk għandhom id-dritt li jivvutaw għall-Parlament nazzjonali ta' dak l-Istat u, għal dak l-iskop, jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru elettorali ta' dak l-Istat eżattament taħt l-istess kundizzjonijiet ta' votanti ċittadini ta' dak l-Istat, l-ewwel Stat Membru jista', permezz ta' deroga minn din id-Direttiva, joqgħod lura milli japplika l-Artikoli 6 sa 11 fir-rigward ta' tali persuni.	
4. Kull sitt snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport li fih għandha tikkontrolla jekk l-għoti ta' deroga lill-Istati Membri kkonċernati skont l-Artikolu 22(1) TFUE għadux ġustifikat u għandha tipproponi illi kwalunkwe aġġustament neċessarju għandu jsir. L-Istati Membri li jinvokaw derogi skont il-paragrafi 1 u 2 għandhom ifornu lill-Kummissjoni b'kull informazzjoni ta-l-isfond neċessarja.	

Emenda 61

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Rapportar	***Ġbir tad-data u*** rapportar

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 62

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tagħhom, inkluż dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) u (4). Ir-rapport għandu jkun fih data statistika dwar il-parteċipazzjoni tal-votanti u tal-kandidati ***skont l-Artikolu 3 fl-elezzjonijiet muniċipali***, kif ukoll sommarju tal-miżuri meħuda ***f'dan ir-rigward***.	1. Fi żmien tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u kull erba' snin minn hemm 'il quddiem l-Istati Membri għandhom jirrapportaw ***lill-pubbliku u*** lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva fit-territorju tagħhom, inkluż dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) u (4). ***Minbarra l-osservazzjonijiet ġenerali,*** ir-rapport għandu jkun fih data statistika dwar il-parteċipazzjoni tal-votanti ***tal-Unjoni*** u tal-kandidati ***tal-Unjoni fl-elezzjonijiet muniċipali***, kif ukoll sommarju tal-miżuri meħuda ***biex tiġi ffaċilitata u inkoraġġita l-parteċipazzjoni tagħhom. Dik id-data għandha tingħabar b'mod trasparenti, uniformi u sigur, abbażi ta' indikaturi komuni***.

Emenda 63

Proposta għal direttiva

Artikolu 14 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 16 dwar l-istabbiliment ta' indikaturi komuni għall-ġbir ta' data statistika msemmija fil-paragrafu 1.

Emenda 64

Proposta għal direttiva

Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien sentejn wara l-elezzjonijiet tal-2029 għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva u tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi li jinsabu fiha.	Fi żmien sentejn wara l-elezzjonijiet tal-2029 għall-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tad-Direttiva u tipproduċi rapport ta' evalwazzjoni dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi li jinsabu fiha. ***L-evalwazzjoni għandha tkun akkumpanjata, jekk xieraq, minn proposta leġiżlattiva biex din id-Direttiva tiġi emendata.***

Emenda 65

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli ***2, 8*** u ***9*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.	2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu ***2(2), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(3)*** u ***l-Artikolu 14(1a)*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-… [data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 66

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli ***2, 8*** u ***9*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.	3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu ***2(2), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(3)*** u ***l-Artikolu 14(1a)*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

Emenda 67

Proposta għal direttiva

Artikolu 16 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Att delegat adottat skont l-Artikoli ***2, 8 u 9*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.	6. Att delegat adottat skont l-Artikolu ***2(2), l-Artikolu 8(4), l-Artikolu 9(3) u l-Artikolu 14(1a)*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 68

Proposta għal direttiva

Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Artikoli 1 sa 7, l-Artikolu 8(1), l-Artikolu 11(2) ***u l-Artikolu 13*** għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2023.	L-Artikoli 1 sa 7, l-Artikolu 8(1) ***u*** l-Artikolu 11(2) għandhom japplikaw mill-31 ta' Diċembru 2023.

Emenda 69

Proposta għal direttiva

Anness II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS II – Dikjarazzjoni formali sottomessa mill-votanti tal-Unjoni

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 70

Proposta għal direttiva

Anness II – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Niddikjara li naċċetta komunikazzjoni futura relatata mal-votazzjoni fl-elezzjonijiet muniċipali b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

Emenda 71

Proposta għal direttiva

Anness II – tabella 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ilni noqgħod … (Isem tal-Istat Membru ta' residenza) għal …….. (Perjodu) [1a]

Post/data:	
Firma:	

(1a) Jekk ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali biss.

Emenda 72

Proposta għal direttiva

Anness III – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	ANNESS III – Dikjarazzjoni formali sottomessa mill-kandidati tal-Unjoni

Emenda 73

Proposta għal direttiva

Anness III – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Niddikjara li naċċetta komunikazzjoni futura relatata mal-kandidatura fl-elezzjonijiet muniċipali b'lingwa uffiċjali waħda jew aktar minn dawn li ġejjin:

It-Tlieta 14 ta' Frar 2023

Emenda 74

Proposta għal direttiva

Anness III – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Ilni noqgħod … (Isem tal-Istat Membru ta' residenza) għal … (Perjodu) ([1a])	
Post/data:	
Firma:	

([1a]) Jekk ikun meħtieġ mil-leġiżlazzjoni nazzjonali biss.